# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta
e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com
Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin

Ġunju 2023 — Ħarġa Nru 32

Kumitat 2023 - 25

President
Valent Xuereb

Viċi-President
(vakant)

Segretarju
Adrian Schinas

PRO Editur Fuljett
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

Membru responsabbli mill-Attivitajiet
Owen Caruana

Membru
Godfrey Mangion

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

B'din il-ħarġa tal-fuljett niġu fi tmiem sena oħra tà attivitjiet u ħarġiet li l-kumitat tal-Għaqda ħadem biex organizza kull xahar. L-attendenzi li kellna għal kull attività taw inkoraġġiment kbir lil membri tal-kumitat biex jibqgħu jaħdmu biex ixerrdu t-tagħlim dwar il-wirt patrimonjali kristjan li għandna mxerred fil-gżejjer Maltin u Għawdxin.

L-attività f'Għawdex kienet suċċess bħas-snin ta' qabel. Informazzjoni dwar ż-żjarat fil-kappelli li għamilna f'Għawdex issa jidhru fil-ħarġa t'Ottubru meta nerġgħu nibdew il-programm ta' attivitajet għal sena oħra. Matul ix-xhur tas-sajf il-kumitat ikun qed jaħdem fuq il-programm tà attivitajet u ħarġiet minn Ottubru sa Ġunju 2024.

F'isem il-kumitat nixtiequlkom sajf mill-isbaħ, imma oqgħodu ferm attenti kemm mir-raġġi tax-xemx kif ukoll mill - bram!!!!!

Grazzi dejjem tal-appoġġ tagħkom.

N. Gingell
*Għal Kumitat*

## IL-KNISJA TAL-KUNĊIZZJONI, Wied Gerżuma, limiti tar-Rabat



Il-Gran Mastru Antoine de Paule (1621-1636) kien għamel fondazzjoni li kienet responsabbli minn ħafna artijiet li l-Ordni kienet akkwistat kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. L-għan kien li mill-flus li jinġabru mill-qbiela, jinbnew ix-xwieni tal-Ordni.

Fl-1736 il-Gran Mastru Vilhena bena din il-knisja fuq art li kienet ta' din il-fondazzjoni. L-arkata ta' ma' ġenb il-knisja ġġib l-arma ta' de Paule u skrizzjoni *Fondazione Paola 1731*. Kienet tbierket minn Fra Giuseppe Ruggier, li kien Kappillan tal-Ubbidjenza tal-Ordni. Il-Gran Mastru kien ried li l-qassis li jieħu ħsieb il-knisja u jqaddes fil-Ħdud u jagħmel il-festa jkollu l-ħlas talli jagħmel dan.

Fl-1889 l-Isqof Mons. Pietru Pace għamel l-ewwel viżta pastorali lil din il-knisja taħt il-kura ta' Dun Andrea Mifsud. L-Isqof tista' tgħid li sab kollox sew għajr għal xi ħtieġa ta' tiswijiet żgħar.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF U STEJJER FID-DETTAL TAL-KAPPELLI ŻURU S-SIT *www.kappellimaltin.com*




Il-knisja minn ġewwa għandha forma rettangulari, b'saqaf troll fuq sitt ħnejjiet li jingħaqdu b-xorok tat-tliet piedi. Insibu artal maġġur irtirat taħt arkata. Il-kwadru titulari, xogħol ta' Ġian Nikola Buhagiar, juri lill-Kunċizzjoni flimkien ma' San Ġwann Battista, San Pawl, San Ġużepp u Sant'Antnin ta' Padova. Dan il-kwadru qiegħed ġo prospettiva skulturata, li fuqha jidhru żewġ anġli jżommu kuruna. Fil-ġnub tal-artal hemm żewġ kwadri ovali żgħar ta' **Sant'Anna u San Ġwakkin.**





Fil-faċċata, il-knisja għandha żewġ pilastri ta' ordni Toskan, li jitilgħu sal-frontispizju fejn insibu pediment li fuqu hemm salib tal-ġebel tal-kavallieri bi tmien ponot. Fit-truf hemm ukoll żewġ vasi tondi li minnhom jidhru ħerġin ilsna tan-nar skolpiti fil-ġebla.



Il-kampnar qiegħed fuq in-naħa ta' wara. Għandha bieb rettangolari mdawwar bi gwarniċun tal-ġebel. Fuq il-bieb insibu tieqa ovali. Aktar 'l fuq hemm 3 stemmi – waħda ta' De Vilhena xellug, fin-nofs b'salib u lemin dik ta' De Paule. Fil-ġnub tiegħu hemm żewġt itwieqi fil-baxx sabiex meta tkun magħluqa wieħed jista' jitlob minnhom.



Fuq quddiem insibu zuntier imdawwar b'ċint ta' 4 filati li titla' għalih b'żewġ targiet, u magħluq bi grada baxxa tal-ħadid.

Il-festa tal-Kunċizzjoni tiġi ċċelebrata Ħadd fuq it-8 ta' Diċembru. Dakinhar issir purċissjoni bil-vara tal-Kunċizzjoni, xogħol Ġlormu Dingli. Fi żmien l-Ordni il-Gran Mastru kif ukoll xi kavallieri kienu jattendu għaliha.



Il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna u kull nhar ta' Sibt filgħaxija ssir quddiesa.



*Bieb oriġinali li jdur fuq fuss u mhux biċ-ċappetti*



*Uħud mill-graffiti fil-faċċata*

***Kitba ta' Louis Fenech***
*Inċ-ċappettiformazzjoni misluta minn*

*Ritratti: N Gingell*

# IL-KNISJA TA' SAN MARTIN, IL-BAĦRIJA, limiti tar-Rabat



Meta Mons. Pietru Dusina kien żar ir-Rabat u l-inħawi ta' madwaru fl-1575 kien inkluda wkoll din il-knisja u nnota li kienet nieqsa minn kollox u quddies ma kienx isir regolari. Meta Mons. Baldassare Cagliares żar din il-knisja fl-1615 sabha fl-istess stat u għalhekk ipprofanaha u kellha tingħalaq.

Mir-rapport li għamel l-Isqof Michele Gerolamo Molina fl-1684, jirriżulta li n-Nobbli Gusman Cumbo Navara kien igawdi l-benefizzju ta' din il-knisja li kienet ġiet mibnija mill-ġdid u miżmuma tajjeb; mhux biss imma kien qiegħed isir il-quddies fiha fil-Ħdud u fil-festi. Maż-żmien din il-knisja għaddiet taħt it-tmexxija tal-Arċipriet ta' San Pawl tar-Rabat li kien jieħu ħsieb jipprovdi saċerdot sabiex in-nies ta' dawn l-inħawi jingħataw servizz reliġjuż.



Il-knisja għandha faċċata tassew sempliċi, għandha għamla rettangolari **b'zuntier żgħir magħluq b'ċint** u grada tal-ħadid fin-nofs. Xi sitt filati 'l fuq mill-bieb insibu *'oculus'* – tieqa żgħira tonda – u aktar 'l fuq insibu speċi ta' kampnar. Il-bieb hu rettangulari mdawwar bi gwarniċun tassew sempliċi. Fil-ġnub tagħha jidhru kmamar li żdiedu maż-żmien biex iservu bħala sagristija.



Għandha **saqaf troll** b'ħames arkati li jserrħu fuq ċinta li ddur mal-knisja, u li jingħaqdu b'xorok tat-tlieta. Għandha artal wieħed bi kwadru **titulari li huwa dedikat lill-Madonna bil-Bambin f'ħoġorha mdawra minn San Martin, l-Isqof ta' Tours, l-Appostlu San Ġakbu u San Filippu Neri, xogħol Francesco Zahra.** Fuq kull naħa tal-artal insibu żewġ niċeċ żgħar, li fihom qabel



ma sar ir-restawr kien hemm statwa ta' Qalb ta' Ġesù u oħra tal-Madonna. Fl-1947 kienet saret statwa ta' San Martin, liebes ta' suldat Ruman, qiegħed jaqta' biċċa mill-mantell tiegħu biex jagħtiha lil wieħed fqir u għeri. Kien għamilha Ġużeppi Caruana minn Bormla. Illum din l-istatwa tinsab fil-knijsa l-ġdida. Il-paviment hu tal-madum u fiha sett bankijiet.



F'Settembru tal-1951, l-Arċisqof Mikiel Gonzi ħatar li Dun Saverin Bianco bħala rettur ta' din il-knisja. Dan mill-ewwel impenja ruħu sabiex tinbena knisja ġdida, liema bini beda fl-1984 u mill-1989 bdew isriu fiha l-funzjonijiet reliġjużi kollha.



Illum il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna u isservi għal Adorazzjoni Ewkaristika.

***Kitba ta'*** *Louis Fenech,*
*Informazzjoni miġbura u misluta minn diversi sorsi*

*Ritratti: N Gingell*

# IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TA' ITRIA, Binġemma, limiti ta' Mġarr



F'parti mill-isbaħ tal-Imġarr f'Malta, hemm iż-żona msejħa Ta' Binġemma. Fit-tarf tal-irdum insibu kappella ħelwa, pittoreska bl-isem stramb tal-Madonna ta' Itria, propjament iddedikata lill-Madonna ta' Hodegitria.

Binġemma huwa post storiku u arkeoloġiku hekk li fil-wied ta' Binġemma insibu diversi oqbra Puniċi Rumani, fdalijiet Rumani, għerien fejn kienu jgħixu n-nies fl-antik kif ukoll kanali fil-blat magħrufin bħala l-"*cart ruts*".

L-ewwel kappella inbniet fl-1600 min-nobbli Giovanni Maria Xara f'waħda mill-artijiet tiegħu. Kienet iddedikata lill-Beata Verġni Marija ta' Itria (Hodegitria), kellha ċimiterju żgħir quddiemha u kienet miżmuma kif jixraq. It-titlu Madonna ta' Itria, jew kif tfisser bil-Malti, il-Madonna tat-Triq ("*li turina t-Triq*") kien titlu li f'dawk iż-żminijiet kien popolari ħafna.



F'din il-kappella kien hemm altar wieħed tal-ġebel, u fuqu kien hemm kwadru tal-Madonna ta' Kostantinopli. Kellha qanpiena tal-bronż, imma kienet nieqsa minn kull ħaġa oħra. Kienet issir il-festa tal-Madonna fit-tielet Ħadd wara Pentekoste. L-Isqof ordna li jsirilha bieb u li tiġi mgħammra b'kulma kien meħtieġ biex fiha jkun jista' jsir il-quddies għall-bdiewa u r-raħħala li kienu jgħixu f'dak il-lokal. Il-werrieta ġew imwissija biex komplu l-obbligi li kellhom fil-wirt.

Din il-knisja ġiet xi ftit ittraskurata u qdiemet għal kollox u kienet ser taqa' u fl-1658, l-Isqof Molina pprofanaha. Iżda fl-1680, in-neputi ta' Giovanni, il-Baruni Stanislaw Xara, li kien il-kaptan tal-Virga tal-Imdina bejn 1671 u l-1673, iddeċieda li minn butu jħott din il-knisja ċkejkna u bl-istess ġebel u xi ġebel ieħor jibni oħra ikbar; u hekk inbniet din il-kappella ħelwa li naraw illum, ftit akbar mill-oħra, u ftit 'il bogħod minn fejn kienet il-knisja ta' qabel.



Il-Baruni Stanislaw Xara ntrabat u waqqaf benefizzju ta' ġuspatronat, marbut mal-knisja l-qadima, u rabat il-ġid kollu tiegħu f'Malta u Għawdex biex jagħmel tajjeb għal dan. Huwa ntrabat li jekk il-knisja taqa' u tinbena oħra minflokha bl-istess titolu u qrib l-istess post, il-benefizzju u t-tagħmir kollu jgħaddi għal din il-knisja l-ġdida. Huwa żamm biss il-kundizzjoni li din il-knisja u kull waħda oħra minflokha tkun meħlusa minn taħt idejn il-kappillan u l-parroċċa u tkun soġġetta biss għall-Isqof tad-djoċesi. Fl-1722 l-isqof Gori Mancini sab il-knisja l-ġdida mgħammra tajjeb ħafna bl-istess kwadru titulari li kien hemm qabel u bil-lampier jixgħel quddiemu. Il-fundazzjoni tal-quddies magħmula mill-Baruni Stanislaw Xara kienet qiegħda ssir regolarment. Il-kappella baqgħet dejjem tinżamm tajjeb mis-sinjuri Xara u l-werrieta tagħhom u baqgħet tiġi moqdija minn saċerdot għall-quddiesa fil-Ħdud u l-festi. L-isqfijiet kienu jagħmlu żjara lil din il-knisja fil-viżti pastorali minħabba li kienet knisja marbuta ma' benefiċċju. Dejjem sabu miżmuma tajjeb l-affarijiet meħtieġa għall-quddiesa u r-reġistri tal-quddies, kif ordnat mill-isqof Cocco Palmieri.



Fl-1870, il-Kontessa Marija Antonia Sant waqqfet l-istazzjonijiet tal-Via Sagra bl-approvazzjoni tal-Papa, mogħtija b'digriet tat-28 ta' Diċembru 1870.

Il-kappella tikkonsisti fil-knisja, sagristija żgħira mibnija mal-ġenb tal-knisja, u li għandha bieb għal barra, u kamra żgħira fuq is-sagristija, li kienet isservi bħala post fejn jistrieħ il-qassis li kien imur iqaddes f'din il-kappella.



Qiegħda **mibnija fuq xifer il-blat**, fejn taħtha hemm għaddej il-Wied ta' Binġemma. Eżatt taħt din il-kappella hemm qabar Puniku mħaffer fil-blat. Dan l-għar kien maż-żmien iservi biex il-ħmar kien jistrieħ matul il-lejl. Fil-fatt, fl-għar jidher ukoll fejn kien jorbot il-ħmar.

Il-knisja għandha zuntier żgħir ħelu ħafna, b'erba' tarġiet fin-nofs, li minnhom tidħol fil-knisja. Fil-bieb prinċipali tal-kappella hemm żewġ twieqi,



waħda f'kull bieb sabiex wieħed ikun jista' jittawwal fil-knisja anke meta l-bieb ikun magħluq. Il-faċċata hija sempliċi, bit-tarf imqabbeż ftit 'il barra forma ta' disinn. **Fuq il-bieb hemm tieqa tonda**, li fuqa hemm arma ġentilizja bi tliet siġriet tal-Baruni Stanislaw Xara, li bena din il-knisja. Fuq il-knisja hemm **kampnar**, **b'qanpiena tal-bronż, forma ta' arkata b'salib fuqu.** Fil-kantunieri tal-faċċata, fuq nett, hemm disinji triangolari tal-ġebel li jagħtu l-kappella l-impronta karatteristika tagħha u li jagħmluha tingħaraf mill-ewwel.



Il-kappella minn ġewwa hija sempliċi ħafna, għandha altar wieħed tal-ġebel, u quddiemu hemm altar mejda tal-injam. Hemm ukoll il-Via Sagra kif ukoll **pittura *ex-voto*.** Fuq it-tieqa tonda ta' fuq il-bieb insibu lapida li fuqha hemm miktub bil-Latin il-kommemorazzjoni tat-twaqqif tal-ewwel kappella tal-1600 u l-bini mill-ġdid tal-kappella l-ġdida fil-viċin minn Giovanni Maria Xara u Stanislaw Xara. Il-knisja għandha **saqaf troll** u ħdejn il-gwarniċun tal-kwadru titulari hemm żewġ twieqi żgħar ħafna, biex ikomplu jagħtu d-dawl lil din il-kappella.





Il-kwadru **titulari** li jinsab fil-kappella llum huwa sempliċiment ritratt ta' dak oriġinali li kien tpitter minn Stefano Erardi fl-1681 (illum jinsab fil-mużew ta' Sant'Agata, tneħħa minħabba li dan jista' jinsteraq). Dan il-kwadru jirrappreżenta **lill-Madonna u Ġesù Bambin li qegħdin fuq tron li qiegħed miżmum fil-parti t'isfel mill-qaddisin San Pawl, San Franġisk t'Assisi, San Ġakbu, San Duminku, Sant Antnin ta' Padova u Santa Roża**, kollha qaddisin kbar.



Fis-sena 2000 fl-okkażjoni tal-bidu ta' millenju l-ġdid, fl-għalqa ta' quddiem il-knisja tpoġġiet statwa tal-Madonna b'Ġesù Bambin f'dirgħajha, imlaqqma l-Istatwa tal-Millenju. Din kienet saret b'wegħda.

Il-festa titulari ta' din il-kappella għadha tiġi ċċelebrata bil-kbir fl-aħħar Ħadd t'Ottubru. Il-kappella hija miżmuma tajjeb ħafna u llum qiegħda f'idejn is-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Fiha jsir quddies kull nhar ta' Ħadd u fil-festi kmandati għall-bdiewa u raħħala li għadhom joqogħdu f'dawn l-inħawi.

***Kitba ta' Joe Brincat***
*Informazzjoni misluta mis-sit www.kappellimaltin.com*
*Ritratti: N. Gingell*

## L-OROTORJU TAL-KUNĊIZZJONI, Knisja tal-Ġiżwiti, Belt Valletta

B'sodissfazzjon naraw li wara xhur ta' ħidma kontinwa, ir-restawr fl-Orotorju tal-Kunċizzjoni fil-Knisja tal-Ġiżwiti fil-Belt, kemm tal-ġebla kif ukoll tal-kwardi, wasal fi tmiemu hekk li issa kulħadd jista japprezza x-xogħol li sar biex dan l-orotorju nġab fi stat meraviljuż kif jixħdu dawn ir-ritratti. Inħeġġukom biex meta tkunu l-Belt  tmorru żżuruh. Ir-restawr tal-kwadri sar mid-ditta PrevArti.









